MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Numru 788/2008

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND CASSAR
VS
EMAN TABONE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Eman Tabone, ta’ 16-il sena, iben Raymond u Adeodata nee’ Bugeja, imwieled il-Pieta’ fit-2 ta’ Gunju 1991, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 283291(M) u residenti fil-fond numru 54, Zernieq, Triq M.A. Vassalli, Qormi.

Illi huwa akkuzat talli:

1. Fit-12 ta’ Jannar 2008, ghall-habta tas-saghtejn ta’ bil-lejl, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ telefon cellulari minn stabilliment bl-isem ta’ “Klikk” li jinsab fi Triq San Gorg ghad-dannu ta’ Daniela Attard Previ u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin, u bil-valur;

2. U aktar talli fit-30 ta’ Mejju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’hinijiet differenti, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Ikkunsidrat:

Fis-26 ta’ Jannar 2010, l-Ispettur Ramon Cassar irtira l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat, peress illi minn investigazzjonijiet ulterjuri, irrizulta illi r-reati li bihom gie mixli l-imputat, fil-fatt gew kommessi minn haddiehor.

In vista ta’ dan, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------